MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Numru 551/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Cilia)**

**vs**

**- OMISSIS -**
**LINEKER MICALLEF**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom - omissis -

U

Lineker Micallef, ta’ 18-il sena, bin Marco u Mavis nee’ Calleja, imwieled Pieta’, nhar il-10 t’April 1987, residenti 84, Triq in-Naxxar, B’Kara u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 196887 (M).

Gew akkuzati:

1. Talli nhar il-21 ta' Gunju, 2005, ghal habta tas-1.00pm, fl-Imdina, ikkommettew serq ta' zewg basktijiet kontenenti diversi oggetti minn go vettura tal-ghamla Citroen bin-numru SYL015, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Sylvana Vella;

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, f'Malta, laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahhlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

3. u aktar talli f1-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara taccedi l-hamsin Lira Maltin (LM50) izda mhux il-hames mitt Lira Maltin (LM500) ghad-detriment ta' Sylvana Vella;

4. u aktar talli rrendew ruhom recidivi ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, diversiment preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula jew imhassra;

- Omissis -

5. - Omissis -

6. - Omissis -

7. - Omissis -

8. - Omissis -

Akkuzat ukoll Lineker Micallef wahdu:

9. talli fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata 25.05.04, ikkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija.

10. u aktar talli kiser il-providimenti tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ta’ sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fi 24.06.03, b’liema sentenza kien gie misjub hati ta’ reat u liberat taht kundizzjoni li ma’ jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 7 tal-Process u nnutat li l-imputat Lineker Micallef m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li, wara li ezamina id-dokumenti esebiti llum minn Dr Chris Cardona ghall-imputat Lineker Micallef bhala minn Dok CC1 sa Dok CC3, l-akkuzi numri 9 u 10 migjuba kontra l-imputat Lineker Micallef diga’ gew trattati minn Qrati ohra u ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuzi numri 9 u 10 migjuba kontra l-imputat Lineker Micallef. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li nkwantu ghall-akkuza numru 2 migjuba kontra l-imputat Lineker Micallef li tirrigwarda ricettazzjoni, din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq aggravat u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuza numru 2 migjuba kontra l-imputat Lineker Micallef.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat Lineker Micallef iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza, id-disa’ akkuza u l-ghaxar akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Lineker Micallef bl-aktar mod solenni rigward l-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u

taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Lineker Micallef wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza, id-disa' akkuza u l-ghaxar akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur u Dr Chris Cardona ghall-imputat Lineker Micallef iddikjaraw li jaqblu li l-imputat Lineker Micallef jidher li miexi fit-triq it-tajba mill-vizzju tad-droga u qeghdin igibu dan il-fatt a konjizzjoni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 261(g), 271(g), 281(a), 325(b), 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Lineker Micallef, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza, id-disa' akkuza u l-ghaxar akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imsemmi imputat Lineker Micallef ghall-piena komplessiva ta' tnax (12)-il xahar prigunerija.

Rigward it-tieni akkuza, id-disa' akkuza u l-ghaxar akkuza migjuba kontra l-imputat Lineker Micallef, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza, disa' akkuza u ghaxar akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat Lineker Micallef .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------